MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-30 ta' April, 2004

Talba Numru. 66/2003

**Saviour Magro**
**vs**

**Stephen Vella**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Jannar, 2003, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u ghoxrin lira Maltija (Lm420.00) rappresentanti l-valur tal-hsara kagunata fil-vettura tal-attur tal-marka Volkswagen Polo, numru ta' registrazzjoni BAG-526, li ggarfet f'incident awtomobilistiku li sehh fit-13 ta' Settembru, 2002, fi Triq Lapsi, Siggiewi li sehh unikament bi traskuragni, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut li kien qieghed isuq il-vettura tal-marka Leyland, numru ta' registrazzjoni JAB-846 ;**
**Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.**

**Ra r-risposta prezentata fil-11 ta' Frar, 2003 fejn intqal illi t-talbiet attrici huma kontestati u l-eccipjent ma jahtix ghall-incident u d-danni premessi ;**
**Illi l-incident gara unikament tort tan-negligenza tal-attur, kif ser jigi ppruvat dettaljatament waqt is-smiegh ;**
**Illi bla pregudizzju u fi kwalunkwe kaz l-attur ghandu jipprova d-danni.**

**Semgha x-xhieda ta' Natalino Agius, Saviour Magro, PS1101 Victor Aquilina u Stephen Vella. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Illi dan il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fit-13 ta' Settembru, 2002, fi Triq Lapsi, Siggiewi, bejn il-vettura numru ta' registrazzjoni BAG-526 misjuqa mill-konvenut, u t-truck numru ta' registrazzjoni JAB-846 misjuqa mill-konvenut. Flimkien mal-attur fil-vettura kien hemm Demelza Attard. Il-konvenut kien wahdu.**
**2. Jirrizulta illi l-attur kien tiela fid-direzzjoni tas-Siggiewi, filwaqt illi l-konvenut kien niezel u intenzjonat li jidhol fid-dahla fuq il-lemin tat-triq sabiex imur ghall-barriera. Jirrizulta li zewg sewwieqa raw lil xulxin meta kienu xi distanza l-boghod minn xulxin. L-attur fir-rigward jghid li rah meta kien tul ta' cirka tnejn sa tlett karrozzi l-boghod filwaqt illi l-konvenut ra lill-attur meta kien mitejn (200) pied l-boghod minnu. Skond il-konvenut l-attur kien qed jinnamra u meta gholla rasu sab lill-konvenut u zamm il-brake. Pero` ma hemm xejn x'jikkorrobora tali allegazzjoni da parti tal-konvenut, u ghaldaqstant it-Tribunal ma jistax iqiesgha hlief bhala allegazzjoni mhux pruvata.**
**3. Jirrizulta li l-attur halla ghaxar metri brake mark, u dana huwa konformi mal-velocita` li allega li kien ghaddej biha, cioe` ta' 48kfs, tenut kont ukoll tal-fatt li hemmhekk hemm iz-zrar. Ma jirrizultax li tali velocita` kienet il-kawza prossima tal-incident. Dana qed jinghad in vista tal-fatt li l-attur kien ghaddej fil-karreggata tieghu, u kien il-konvenut li kien ser**

**jaqsam il-karreggata li minnha kien ghaddej l-attur. Jirrizulta li kien hemm karrozzi parkeggati fuq iz-zewg nahat tat-triq mid-direzzjoni minn fejn kien gej l-attur.**

**4. Il-konvenut kien jaf ben tajjeb li l-attur kien ser jghaddi minn hemm, ghax rah gej. Rilevanti hafna dak li xehed il-konvenut meta qal li rah bic-car waqt li l-attur kien tiela, kif ukoll meta qal hekk : « Jiena nghid illi kont nilhaq nghaddi u ma ghamiltlu l-ebda indikazzjoni li kellu jieqaf jew li li jiena kelli nieqaf……….lkkalkulajt li nilhaq nasal qablu. »**

**5. Rilevanti hafna ukoll meta l-konvenut qal : « Jiena bqajt miexi bil-mod, biex nibqa diehel ghal gol-barriera u ma waqaft fl-ebda mument. »**

**6. Issa apparti li jirrizulta li l-konvenut xeghel l-indicator, mir-ritratti u mill-isketch jirrizulta li l-konvenut kien ghadu fil-bidu tal-manuvra tieghu biex jikser ghall-gol barriera. Il-fatturi determinanti f'dan il-kaz huma is-segwenti :**

**a. Il-fatt li l-attur kien miexi ghat-tela' kien jaghtih precedenza fuq il-vettura li kienet ghan-nizla ;**

**b. Il-fatt li l-konvenut ma waqafx meta kien ser jikser karreggjata li minnha kien ser jghaddi it-traffiku, u meta kien ben konxju tal-karozza li kienet riesqa fil-karreggata l-ohra;**

**c. Il-fatt illi l-konvenut messu uza aktar diligenza tenut kont tan-natura tal-vejikolu li kien qed isuq, messu waqaf u mhux qabad u qasam u ppretenda li l-attur, li kellu d-dritta tieghu, kellu jieqaflu.**

**Minn dana jirrizulta li l-konvenut ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-kollizzjoni li sehhet.**

**7. Id-danni riportati fil-vettura tal-attur gew konfermati mis-surveyor Natalino Agius, li fir-rigward ikkonferma s-survey Dok.NA1.Jekk wiehed jghodd id-danni skond is-survey dawn fil-fatt jammontaw ghall-aktar mill-ammont mitlub. Ghalhekk l-ammont mitlub bhala danni huwa meqjus gust.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal qed jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident de quo u jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u ghoxrin lira Maltija (Lm420.00).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------